# IL-POËŻIJA TA' NINU CREMONA

(*Jorbot ma' faċċ. 46 tan-Nru. 27*)

Fl-*Ultimæ Nostrarum* Cremona, b'xeħta ċajtiera u bejn daħqa u oħra, jinseġ il-ġrajja ta' l-alfabett Malti, it-tibdil li sar fih, il-ħżuż ġodda li xi wħud riedu jdaħħlu sabiex niesna jkollhom alfabett sħiħ, mibni fuq rêgli tajbin, u mhux b'ħafna tixlif u tagħwiġ kif jiġri meta ma jkunx hemm sisien tajba. Din il-għanja nkitbet għal ħabta li l-Kittieba tal-Malti riedu jwaqqfu alfabett tajjeb darba għal dejjem. F'din it-taqbila l-awtur inqeda b'alfabett li hu ħaseb seta' jimxi fil-Malti. Ħafna mit-tnebbiħiet tiegħu kienu milqugħa, oħrajn le. Nisimgħu lilu n-nifsu jfisser ruħu: B'din il-għanja mqabbla xtaqt nati mudell ta' kitba Maltija mibnija fuq Alfabett Malti magħżul minn Kummissjoni tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti." Dan l-Alfabett kien għad irid igħaddi f'laqgħa ġenerali tal-Kittieba tal-Malti. Il-ġ tbiddlet f'g u l-ū f'w." Dan ifakkarni fil-ħafna ħmerijiet li sikwit jingħadu dwar l-alfabett ta' l-Għaqda: issa jingħad li kien magħmul ħaxlef qaxlef, u bla ħsieb ta' xejn, issa li qalgħu xi ħadd kif deherlu, forsi, (jaħsbu dawn l-uħud) biex iqarrab il-kitba tal-Malti lejn dik tal-Ingliż! Lil dawn l-uħud li jaħsbu hekk ingħarrfuhom li minn dan xejn ma hu minnu, għax l-alfabett inħadem b'ħafna ħsieb u tlaqqigħ ta' fehmiet minn nies il-bogħod minn kull passjoni għamja ta' pulitka li setgħet iġġagħlhom ibiegħu l-prinċipji tagħhom. Issinjuri magħżula mill-kummissjoni biex iwaqqfu dan l-imbierek alfabett kienu Dun Karm Psaila, Ġużè Muscat Azzopardi, Pawlu Bellanti, Ninu Cremona, Ġanni Vassallo, Mons. P. Galea, Mons. P. Cauchi, nies ta' ħila u għaqal f'din ir-rimja ta' studju.

Nerġgħu fejn konna. Il-poeta jilmaħ l-istorja ta' l-alfabett mill-bogħod, u jibda minn l-ixjeħ kittieba tal-Malti:

Dun Ġūann Sultana t'Għaūdex kien għamel l-eūūel ftira.
Tinsab mikula kollha mill-kamla xi tifkira;
... ... ... ... ... ...
... ... ... ... ... ...
Urajh Mikiel Vassalli, għaref bħal dak ta' qabel,
(aħjar minn sieħbu, igħidu) qabad it-tarf tal-ħabel.
U sab il-leħen Malti mibni bħal tal-Quran,
issellef ittri Griegi u l-Poplu sar xitan!
... ... ... .. ... ...
... ... ... ... ... ...
Ma l-għoxrin sena uara, igħidu li ħarġet ħrafa
ta' ktieb b'isem il-ħxejjex miktub minn Stiefnu Zrafa

Ċremona, waqt li jara b'ħasra ta' qalb kemm xeħtiet ta' ortografiji kellu jbiddel "dan l-imċewlaħ il-lsien tagħna," jinfexx igħid:

Kemm se' ddum tiknes ittri biex issib uaħda taqbel
ma nafx, ja Malti safi. Jien għax ma sibtx li naqbel
ma' kemm il-kitba ūrejtek, natik din l-aħħar ūaħda.
Knisthielek mis-suq tagħna, mid-daūl tax-xemx imċaħħda.

Fl-*Ultimæ Nostrarum* wieħed jisma' bħal milja ta' daħq tgelgel bħal ilma minn fuq blata, milja ta' daħq li tiġri minn vers għal vers, id-daħq li ma jistax ma jaqbdekx xħin tara dal-ħafna tibdil ta' alfabett mingħajr ħajja u siwi. U forsi minsuġa ma' dak id-daħq hemm milja oħra ta' biki li ma jinstamax ħlief l'hawn u l'hinn, il-biki li jiġik xħin tara kemm aħna nies baxxi aħna l-Maltin fejn ġnus oħra, aħna li fl-elf disa' mija għadna nibnu u nikinsu l-alfabeti, mingħajr ma nistgħu naslu mkien! Jiswa nfakkar hawn li misem il-poeżija Cremona ħadu minn għand Kwintilljanu, li sejjaħ hekk il-ħażż *x*, dak iż-żmien l-aħħar għelm ta' l-alfabett Latin.

Wara jilħqu tliet sunetti maħdumin tajjeb. Bħala kittieb tas-sunetti ġa nafuh lil Cremona, nitilquhom mela biex niġu għal poeżija raħħalija *"Nofs ta' Kelma"*. Kif igħarrfna l-awtur f'qiegħ il-paġna din il-poeżija "għannietha l-ewwel darba s-sna. Giuseppina Muscat fil-Kunċert Malti mogħti mill-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" fit-teatru Manoel, it-3 ta' Frar, 1923;" b'mużka ta' P. Sammut Inglott. Bħala xogħol letterarju din il-poeżija hi waħda mill-aħjar, deherija, ċara biżżejjed u bla ndewwa ta' kliem tqil; hi tassew l-Għanja ta' l-Għalqa, taqbila ħelwa, miksija b'daqxejn ta' star irqiq ta' dmugħ li jġelben fuq xfar il-għajnejn, għax l-imħabba li titriegħed fiha hi mħabba safja u sħiħa, imma siekta. Nofs ta' kelma biss tarfitlu r-raħħala liż-żagħżugħ raħħal maħbub minnha:

Nofs ta' kelma kont għidtlek, ja sieħbi;
int żammejtha ġô qalbek midfuna.
Għalxejn tħares, tistaqsi xi tfisser;
inħallik sakemm fl-aħħar tinduna.

Kienet nofs ta' kelma żgħira,
wisq il-bogħod mill-baħar tmur,
titla' l-għoli tas-smewwiet,
iżda biha qalbek tfur.

L-aħħar erba' vrus huma mtennija wara kull strofa biex il-ħsebijiet jintrabtu flimkien. Tixbaħ fil-ħass tal-qalb il-għanjiet li jgħannu r-raħlin fil-lejliet sbieħ qamrija, imma fiha taħdem l-id tas-sengħa li torqom il-ħsieb, u toħrot il-kliem żejjed bħal weraq

mejjet minn fuq siġra, biex tqanqil—il-qalb jinħass aktar ċar, aktar sħiħ, u aktar qawwi. Fit-tennija ta' l-aħħar strofa l-aħħar vers mhux bħal ta' qabel. Ma kienx hemm għal fejn ibiddlu, imbagħad kif biddlu ġie inqas sabiħ minn l-ieħor.

Poeżija mhux inqas sabiħa hi *"F'Xatt il-Baħar,"* miktuba fix-xtajta ta' Masalforn, Għawdex, art twelid il-poeta tagħna, tul iż-żmien li hu kien raġa' mar hemm biex igħaddi l-btala tas-sajf. Hemmek għal darba oħra hu lemaħ id-dwejra ta' nannuh fuq dik ir-ras art ta' S. Marija, fejn darba żagħżugħ kien qatta biċċa minn ħajtu. Tifkiriet minsija jerġgħu jqumu f'qalbu: iż-żgħożigħa bla ħsieb, mixgħula bl-għana, bil-ħolm wid-dawl tat-tama qalbenija. U hawn ruħu tħoss l-imrar taż-żmien li jqarraq, li jitfi taħt l-irmied l-isbaħ titjir taż-żgħurija, jifleġ is-saħħa tar-rġulija, u jiksi r-ras b'ħajtiet ta' xgħar abjad abjad qabel il-waqt:

Għadha m'għaddietx fuq dahri
xitwa ta' snin. L-îd bierda, taqqalija
tal-ħsieb bajditli xagħri...
Dal-ħsieb kif tbiel, il-bieraħ kien tarbija.
Bil-kelma ta' żagħżugħ ħierġa minn fommu,
il-lum il-ħolma tiegħek qiegħda żżommu.

Għaliex nixtiequ dejjem
dak li m'għandniex, li ġej, li mar w-inħeba?
Għaliex il-qalb tithejjem
bit-tama ta' kuljum u mingħajr xebgħa
u toħlom b'dak li ġej fil-għodu kmieni,
tokrob fl-għaxija u tgħid: Oh fejn hu żmieni?

Cremona bata ħafna bid-dwejjaq tan-nevrestenija; għalhekk fil-għanjiet tiegħu sikwit naraw lil ruħu issa tilheġ bi qtigħ il-qalb, issa titħabat bejn xaqq dawl ta' tama u ieħor ta' dieqa L-aħħar strofa hi l-għajta li l-bniedem għajjien ilu jislet minn ħxejh sa' minn tulkom ja sekli li rajtu lil Adam jagħżaq ir-raba', u l-Eva tagħżel is-suf. Hi ċ-ċanfira tal-bniedem li jħossu dejjem imqarraq mit-tama, bħal kieku qalbu ma għandha ssib qatt mistrieħ.

*"Fid-Dlam"* fl-ispirtu tal-ħsieb għandha ħafna mill-poeżijiet ingliżi mnebbħin mit-taqtigħa tal-Gwerra l-Kbira. Dil-poeżija Cremona kitibha fi żmien dil-Gwerra, għalkemm taħtha ġġib is-sena 1929. U da l-għaliex meta kitibha ma stampahiex minnufih, imma ħalla ħafna żmien igħaddi. Il-poeżija tinstilet fi tnejn: *Ġewwa l-Belt* u *Barra l-Belt.* Fl-ewwel taqsima, il-poeta jiddeskrivi l-waħx tal-belt mudlama fi żmien il-Gwerra meta ma setgħux jinżammu dwal imħabba l-biża' tal-ajruplani, u meta

ħafna tfal kienu joħorġu ibiegħu l-gazzetti, igħajtu bl-aħħar aħbarijiet tal-Gwerra: tixrid tad-demm, taqtigħ, ir-Riefnu tal-Mewt għaddej qerriedi minn fuq eluf ta' misserijiet u żgħażagħ midruba mħabba l-ħalja regħba tal-Ġermanja.

—"L-aħħar aħbarijiet"—joħorġu jgħajtu
it-tfal fid-dlam... Xi ħadd b'dik l-iħbar f'idu
ifittex xaqq ta' dawl biex jaqra sewwa.........
..................................................
Mejtin miżrugħa fl-art... nar jati dejjem...
baħar u art xebgħu lin-nies jibilgħu.
Agħjât ta' niket ġos-smewwiet jitlajja.
Din hi l-iħbar li daħlet mal-lejl iswed...
U lilna fid-dlam għalqu biex għajnejna
il-kruha ma jarawx tad-dwejjaq tagħna.

Fit-tieni taqsima l-poeta jsib serħ, u nisi ta' dan il-għawġ kollu fuq bank taħt xi siġra ċkejkna tal-palm "f'thewdin ta' Sebħ u Dawl," il-bogħod mill-għagħa, barra l-belt.

*F'Qalb il-Għelieqi*, misem żewġ sunetti sbieħ, il-poeta ifisser ix-xewqa tiegħu li jgħaddi ħajtu fil-kampanja li Ninu Cremona għadu jħobb u jfittex f'kull jum battal li jkollu mix-xogħol talimpieg tiegħu :

Żerniq ta' sema ħiemed, tgeġwiġija
ta' mitt għasfur ipespes fuq il-friegħi
tas-siġar malli x-xemx troxx l-ewwel dija :
blat għoli bil-kappar, widien u tliegħi,

fawwara tal-irdum, għerien u qtiegħi
ta' bejn l-ixfar tal-għolja għal fil-għaxija
bl-aħħar ġamriet tax-xemx iħammru; ġmiegħi
ta' ngħaġ telgħin għall-maqjel mill-qasbija.

Setaħ imwennes mill-werżieq; ja dwieli
li tgħattu l-bir mix-xemx, ħitan tal-ġnejna
li għadkom imgħannqin mal-liedna, għaddieli

ħsiebkom minn moħħi l-lum kollkom imżejna
bil-hena tal-għodwiet, ta' nhar, ta' ljieli
li tfal rabbewna u l-lum għalkemm insejna...

Tajjeb ħafna. Hekk għall-inqas Cremona jpatti għal kull meta fellaq u għotor.

(*Jissokta*)

ĠUŻÊ AQUILINA.